# 575 Sena ilu l-Kappillan Maġġur ta' San Pawl barra s-swar mogħti t-titolu ta' Arċipriet

Aris Cefai

Sa minn meta d-Djoċesi Maltija ġiet maqsuma f'parroċċi kif nafuhom illum, proċess li x'aktarx sar fi żmien l-episkopat tal-Isqof ta' Malta Ilario bejn l-1356 u l-1370,[1] il-Knisja Parrokkjali għat-territorju Mdina–Rabat kienet il-Knisja ta' San Pawl Barra s-Swar. F'dokument ta' dan iż-żmien, propju fl-1366, il-Knisja ta' San Pawl tar-Rabat kienet magħrufa bħala *'ecclesie Sancte Paule de crypta.'*[2] Sabiex jiddistingwi ruħu mill-kappillani tal-parroċċi l-oħra, ir-ragħaj spiritwali tal-parroċċa Mdina-Rabat kien jissejjaħ Cappellano Maggiore – Kappillan Maġġur. L-ewwel Kappillan Maġġur li nafuh biħ kien Dun Cataldo Cusburella fl-1418.[3] Cusburella kien ukoll Kanonku tal-Katidral u Vigarju Kapitulari. Fi żmien Cusburella l-parroċċa kellha madwar 2120 ruħ, 1170 fir-Rabat u 950 fl-Imdina.[4] Fl-1427 Dun Cataldo Cusburella flimkien ma' Dun Girgor Zammit f'isem l-Università u s-Sindku Giacomo Rone t'Aragona kien għand ir-Re Alfonso ta' Spanja sabiex jitlob li Malta jkollha tmexxija Maltija bħalma kellhom bliet oħra.[5]

L-eqdem dokument li għandna dwar il-parroċċi f'Malta huwa r-rollo tal-Isqof Senatore de Mello min Noto li kien ġie Malta fl-1436. Huwa ħa rendikont ta' dak kollu li kien tal-Knisja f'Malta u għamel lista tal-knejjes li kienu jservu bħala parroċċi dak iż-żmien. Dawn il-knejjes kienu jissejħu *'cappelle'* u *'la cappella di San Paulu di fora'* – San Pawl Barra kellha l-akbar numru ta' fidili u kellha l-akbar dħul 25 uncie. Il-Kappillan Maġġur kien Donnus Albanus de Franco li kien Kanonku tal-Katidral u l-Vigarju Ġenerali tal-istess Isqof de Mello.[6]

Il-Kappillani Maġġuri wara Albanus Franco kienu, Matteo Galia (1475 – 1480), Filippo Cassar (1492), Giovanni Buglarello (1496), Antonio Cassar (1502), u fl-1535 nsibu lil Dun Matteo Surdo.[7] Fl-14 ta' Mejju 1539, l-Isqof Bosio biddel it-titolu ta' 'Cappellano Maggiore' f'dak t'Arċipriet. Dan kien ġie mogħti l-ewwel darba lill-istess Matteo Surdo, li kien ukoll Kanonku tal-Katidral, u lis-suċċessuri tiegħu bħala kappillani.[8]

Fl-1566 insibu bħala Arċipriet tal-Parroċċa lil Dun Nicola Zammit sabiex fl-1569 laħaq Dun Leonardo de Agatiis. Fil-Viżta Pastorali ta' Mons Duzina f'Jannar tal-1575, Don Leonardo stqarr li l-Parroċċa rċeviha mingħand il-Papa u kien eżaminat mill-Isqof Cubellas. F'dak iż-żmien bejn l-Imdina u r-Rabat kien hemm 800 ruħ.[9]

## L-Arċipriet isir il-Ħames Dinjità

Fl-25 ta' Settembru 1586 il-Kapitlu tal-Katidral aċċetta li l-Arċipriet isir il-ħames Dinjità Kapitulari. Bl-inkorporazzjoni tal-Arċipretura fil-Kapitlu ma nħolqotx biss dinjità ġdida, imma nħoloq ukoll kanonikat ġdid li għalih kienet tinħtieġ ukoll prebenda ġdida. Biex saret din il-prebenda ġew meħuda d-drittijiet kollha u dħul ieħor parrokkjali, flimkien ma' renti oħra li kellha l-knisja ta' San Pawl tar-Rabat li kienu jġibu madwar 150 skud, li bl-Awtorità Appostolika dawn kollha ġew assenjati bħala prebenda tal-Arċipriet.

Minn dan iż-żmien kull Arċipriet li sar wara de Agatiis kien jieħu żewġ pussessi, wieħed fil-Katidral bħala Kanonku u l-ieħor fil-Knisja ta' San Pawl bħala Arċipriet-Kappillan ta' din il-Knisja, u ma kienx jista' jibda jeżerċita l-ministeru tiegħu qabel ma kien jieħu dan id-'*duplice possesso*.'[10]

L-Arċiprieti ta' wara de Agatiis kienu[11]:

D. Bartolomeo Vassallo (1601)
D. Giovanni Debono (1609)
D. Martino Xara (1633)
D. Giuseppe Fiteni (1639)
D. Andrea Galea (1639)
D. Gio Antonio Cauchi (1655)
D. Gio Batta Desain (1670)
D. Clemente Cuschieri (1709)
D. Gioacchino Cannuzzi (1744)
D. Giuseppe Saliba (1758)

D. Gioacchino Saliba (1770)
D. Alessandro They (1773)
D. Gio Batta Correo (1774)
D. Francesco Decaro (1801)
D. Gio Batta Delia (1802)
D. Giuseppe Galea (1835)
D. Francesco Saverio Vassallo (1854)
D. Vincenzo Magri (1865)
D. Giuseppe Mercieca (1879)

L-aħħar Arċipriet li kien ħa dan il-pussess doppju kien Dun Gużepp Salnitro nhar il-5 ta' Diċembru 1889, proprju 125 sena ilu. Fl-Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili nsibu mniżżel bid-dettalji kollha ċ-ċerimonja tal-pussess fil-Knisja ta' San Pawl:

*'L-Arċipriet Dun Gużepp Salnitro daħal fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl barra s-swar flimkien mal-Vigarju Ġenerali u liebes il-ħwejjeġ t'Arċipriet, tela' fuq l-artal maġġur u min idejn il-Vigarju ħa l-ġurament ta' fedelta'. Wara daħal fil-kor u poġġa bil-qiegħda fis-sedja tiegħu, minn hemm mar jara l-fonti tal-magħmudija u ra ż-żejt imqaddes fl-armarju, imbagħad mar jiftaħ u jagħlaq il-bieb tal-knisja; wara mar idoqq tliet tokki bil-qanpiena l-kbira. Minn hemm mar daħal bil-qiegħda fil-konfessinarju tiegħu, u meta ħareġ baqa' sejjer fuq l-artal maġġur u fetaħ it-tabernaklu u ntona t-Tantum Ergo, wara daħal qal l-Oremus 'Deus qui Nobis' u tal-benedizzjoni Sagramentali. Wara ntona t-te Deum li tkompla bil-mużika, qal l-orazzjoni ta' wara u l-orazzjoni ta' San Pawl. Imbagħad ġie milqugħ mis-Saċerdoti u l-Kjeriċi preżenti, bħala l-Arċipriet u Kappillan ta' din il-knisja. Bħala xhieda kienu Dun Gużepp Manduca u Carmelo Cassar u dawk kollha li kienu preżenti.'*[12]

L-Arċipriet Salnitro mhux biss kien l-aħħar Arċipriet li ħa l-pussess doppju iżda kien ukoll l-aħħar wieħed li kellu ġurisdizzjoni parrokkjali kemm fuq l-Imdina u fuq ir-Rabat. Dan ġara għall-fatt li fl-1902 l-Imdina u r-Rabat għall-ewwel darba saru żewġ parroċċi distinti minn xulxin, bil-Katidral ikollu ġuriżdizzjoni mis-swar 'il ġewwa bi ftit kampanja tal-madwar, filwaqt li l-Knisja ta' San Pawl iżżomm il-kumplament tat-territorju 'l barra mis-swar tal-Imdina bil-kampanja kollha inkluża l-Imtarfa li nqatgħet parroċċa għaliha fl-2004. L-ewwel ragħaj spiritwali tar-Rabat fl-1902 wara d-dismembrazzjoni kien Dun Salvatore Chircop.



Dehra tal-Knisja ta' San Pawl fl-antik.

**Referenzi**


[1] Fiorini, S: *'The Clergy of Malta to 1460'*, Melita Historica 2005, pagna 167
[2] Wettinger, G: *'A Land grant by Bishop Ylario to Bochius de Bochio at St. Paul's Grotto, 1366'*, St. Paul's Grotto, Church and Museum at Rabat Malta 1990, pagna 65
[3] Galea, B: *'Tifkira tat-300 sena tal-bini tal-Parrocca ta' San Pawl tar-Rabat u ta' 200 sena evangelizazzjoni'*, 1983, pagna 37
[4] Fiorini, S: *'Rabat and its People in the late Middle Ages'*, St. Paul's Grotto, Church and Museum at Rabat Malta 1990, pagna 27
[5] Scerri, J: *'Blu u bl-Istillel'*, Il-Festi Taghna, Ghadd numru 18 1994, pagna 19
[6] Galea, B: *'Tifkira tat-300 sena tal-bini tal-Parrocca ta' San Pawl tar-Rabat u ta' 200 sena evangelizazzjoni'*, 1983, page 36
[7] Azzopardi, J: Apendix I *'The Rectors of St. Paul's Grotto and the Rectors of St. Paul's Parish Church'*, St. Paul's Grotto, Church and Museum at Rabat Malta 1990, page 249
[8] Galea, B: *'Tifkira tat-300 sena tal-bini tal-Parrocca ta' San Pawl tar-Rabat u ta' 200 sena evangelizazzjoni'*, 1983, page 38
[9] Ibid pagna 39
[10] Ibid pagna 40
[11] Azzopardi, J: Apendix I *'The Rectors of St. Paul's Grotto and the Rectors of St. Paul's Parish Church'*, St. Paul's Grotto, Church and Museum at Rabat Malta 1990, page 249
[12] Galea, B: *'Tifkira tat-300 sena tal-bini tal-Parrocca ta' San Pawl tar-Rabat u ta' 200 sena evangelizazzjoni'*, 1983, page 62